2025/2304

11.11.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/2304

tal-5 ta' Novembru 2025

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2667 (BiH/41/2025)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Lulju 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, li stabbiliet operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina (Operazzjoni ALTHEA).

(2) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-Operazzjoni ALTHEA.

(3) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2667 [2], li taħtar lill-Maġġur Ġeneral Florin-Marian BARBU bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-Operazzjoni ALTHEA mill-21 ta' Jannar 2025.

(4) Fil-15 ta' Settembru 2025, l-awtoritajiet Taljani pproponew il-ħatra tal-Maġġur Ġeneral Maurizio FRONDA biex jieħu post il-Maġġur Ġeneral Florin-Marian BARBU bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-Operazzjoni ALTHEA mill-21 ta' Jannar 2026 (il-"ħatra proposta").

(5) Fit-18 ta' Settembru 2025, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-Operazzjoni ALTHEA appoġġa l-ħatra proposta.

(6) Fit-23 ta' Settembru 2025, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Maġġur Ġeneral Maurizio FRONDA jinħatar bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-Operazzjoni ALTHEA.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Maġġur Ġeneral Maurizio FRONDA bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-Operazzjoni ALTHEA.

(8) Jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2667.

(9) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen adotta dikjarazzjoni li tgħid li l-arranġamenti Berlin Plus u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li huma wkoll membri tan-NATO jew partijiet fis-Shubija għall-Paċi u li b'hekk ikkonkludew ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ġeneral Maġġur Maurizio FRONDA huwa b'dan maħtur il-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina (Operazzjoni ALTHEA) mill-21 ta' Jannar 2026.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2667 hija b'dan imħassra.

[1] ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/2667 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2130 (BiH/38/2024) (ĠU L, 2024/2667, 10.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2667/oj).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Jannar 2026.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2025.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK